MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1467/2004

**Maruti Motors Limited C-9717**

**vs**

**Vincent Debono personalment u ghan-nom tas-socjeta` V & M Enterprises Limited C-6942**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u disgha u sebghin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm1079.77) dovuti skond dsatax (19) –il kambjala li gew iffirmati minnhom u li kollha skadew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi nterpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju, 2004, u tal-parir (Lm12.00) kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut pro et noe baqa' ma pprezentax risposta u lanqas m deher, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u disgha u sebghin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm1079.77) bl-imghax legali mit-28 ta' Mejju, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Mejju, 2004, u tal-parir (Lm12.00), ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------